jkun in-newl li minħabba fih il-familja spiċċat mill-Għasri. Meta Lonza baqgħet Malta (fl-1946) ġarret magħha lill-iżgħar fost ħuti: Rita (1926-...), u meta din iżżewġet Malta (lil Ċensu Muscat mir-Rabat t'Għawdex) ġabret magħha anki lil ommi. It-tnejn l-oħra – waħda marret soru Dumnikana, u l-oħra (Marija: 1915-2003) spiċċat l-Awstralja, u ġewwa l-Għasri ma baqa' minna ħadd.

Dan id-diskors bdejtu biex insemmi liema kien dak iż-żmien ix-xogħol tan-nisa. Niftakarhom iballtu l-bjut, għax dawn kienu għadhom isiru bid-deffun. L-irġiel itellgħu il-bini kollu, u lin-nisa jħallulhom il-bejt biex iballtuh; kienu gruppi ta' nisa li jiġru minn raħal għall-ieħor fejn iqabbduhom; ma naħsibx li kien hemm minnhom mill-Għasri. Wara l-bieb tad-dar tagħna (id-Dar tat-Tuta) kien hemm (deffuna) żewġ blatiet kbar, waħda forma ta' romblu, biex bihom jintaħan id-deffun; kienu jiġu jinqdew bihom nies mill-Għasri u miż-Żebbuġ. Naħseb li għadhom hemm sa llum.

U kellhom xogħol ieħor in-nisa dak iż-żmien: il-ġarr tal-ilma! Kienet problema serja wisq iżjed mil-lum. Illum forsi jiġri li tiftaħ il-vit u l-ilma ma jinżilx, imma dak iż-żmien anqas vitijiet ma kellna x'nifthu; kont trid tmur iġġibu minn fuq l-għajn, u għar-raħal kollu tal-Għasri ma kienx hemm ħlief waħda, in-naħa ta' fuq, ħdejn il-ħanut *Tal-Kwakk*. U tan-naħa t'isfel x'se jagħmlu? Jinqdew b'xi bir 'l hawn u 'l hemm li jkun tajjeb għax-xorb; u meta l-bjar ma jimtlewx kien ikollhom iġewzu anki bl-ilma! Fl-aħħar, bit-tħabrik ta' Dun Ġużepp *Tal-Orjenti* saret waħda anki hemm isfel; waħda minn dawk b'manilja kbira biex tippompja b'saħħtek kollha, jekk trid ittella' l-ilma; poġġewha fil-post li konna ngħidulu Taħt l-Arkata, f'dik il-kantuniera".

© Toni Calleja

APPREZZAMENT:

# FRANS FARRUGIA

## FOLKLORIST (1940 – 2010)

**Min ma semax bi Frans Farrugia, il-Bużżu, minn Ħal-Għaxaq? Kien folklorist li sikwit kien jagħmel kummenti fuq il-folklor Malti fuq ir-radju; studjuż tal-folklor popolari fost in-nies ta' Ħal Għaxaq, raħal magħruf sewwa għal dak li hu folklor, raħal benniena ta' folklor ġenwin. Dan li kien Frans: rispettat minn-nies tar-raħal, u dan xehdu l-funeral li sarlu, meta l-każini tal-banda, it-tnejn tar-raħal, tellgħu il-bandiera mezz'asta għal dak in-nhar tal-funeral tiegħu; u l-knisja kienet mimlija għall-funzjoni. L-Għaqda tal-Folklor kienet irrappreżentata mill-membri tagħha tal-kumitat.**

**Frans kien membru tal-Għaqda tal-Folklor, u membru tal-kumitat. Kien attiv ħafna f'dan il-qasam, u magħruf ħafna f'ċirki ta' folklor li saħansitra kien isiefer bħala rappreżentant tal-folklor Malti. Kien ukoll organizzatur tal-karnival tar-raħal. Fil-ktieb li kien ħareġ il-kunsill ta' Ħal Għaxaq dwar l-istorja tar-raħal, Frans kien kiteb dwar il-folklor u dwar il-laqmijiet tal-familji ta' dak il-post. Kien dilettant tas-sajd ġo Marsaxlokk, u kien kiteb ukoll dwar dan il-mistier kif kien isir fil-passat; u wkoll ktejjeb dwar il-flora u l-ħxejjex tal-widien sbieħ u pittoreski ta' wara Ħal Għaxaq. Frans kien iben denju ta' dak ir-raħal u tal-wirt folkloristiku Malti li kien magħruf sewwa fih. Kien jagħmel replikajiet tal-għodda antika li m'għadhiex tintuża; u ħalla wirt kbir ta' folklor ta' snajja' għall-ġenerazzjoni li tiela'.**

**Frans ħalliena fil-25 ta' Jannar, 2010. Kellu sebgħin sena. Nagħtu l-għomor lil martu Tereża, u lill-familja tiegħu. Indifen f'raħal twelidu; u Alla l-imbierek jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.**

**A.D.**

